MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-18 ta' April, 2006

Talba Numru. 7/2006

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Andreluna Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

" Hlas fl-ammont ta' disa' u erbghin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm49.56c) kwantu ghal Lm42.00c *sentejn* royalty dovuta bil quddiem ghal periodu 6 ta' Lulju, 2004 sal 5 ta' Lulju, 2006, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011992 (Dok 'A') rilaxxjata mis-Socjeta' attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja il-konvenut gie moghti id-dritt li jxandar fil-pubbliku muzika tutelata fl-istabiliment "Cafè Cordina Central Cafè House" Victoria, Ghawdex, u, Lm7.56c Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-Socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tal-15 ta’Ottubru, 2004 u 15 ta’ Ottubru, 2005 kontra l-konvenut li huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.”

Ra li ghalkemm il-socjeta’ konvenuta giet notifikata fit-2 ta’ Frar 2006 ma pprezentatx risposta u ma deheritx ghas-seduti tat-Tribunal.

Sema’ x-xhieda tal-P.L. Josette Attard rapprezentant tas-socjeta’ attrici.

U billi t-talba attrici tinstab ippruvata

It-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-istess talba billi jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM49.56c kwantu ghal LM42.00c sentejn royalty dovuta bil quddiem ghal periodu 6 ta’ Lulju, 2004 sal- 5 ta’ Lulju, 2006, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011992 (Dok “A”) rilaxxjata mis-Socjeta’ attrici a favur tal-kumpanija u Lm7.56c fuq il-Valur Mizjud bl-imghax kummercjali mid-data tal-iskadenza sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tal-15.10.2004 u tal- 15.10.2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------